Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | | |
|---|---|---|---|
| Seduta | 02/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | | |
| Data | 13/02/2014 fit-8.30pm | | |
| Post | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | | |
| Attendenza | | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | | Amanda Abela | Preżenti |
| | | Joan Agius | Preżenti |
| | | Claude Camilleri | Skużat minħabba safar |
| | | Raymond Caruana | Preżenti |
| | | Sean Chircop | Preżenti |
| | | Stephania Fenech | Preżenti |
| | | Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri
Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott

**Il-Kunsill qabel sabiex il-qari, l-approvazzjoni u r-rapport mill-minuti ta' laqgħa 01/14 għandhom jitħallew għal-laqgħa oħra.**

**02. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML02/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 3. 1 | 01 | Mepa: PA338/14 | **Il-Kunsill qabel nem.con li għandu jiġbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru tal-post ta' dawn l-iżviluppi.** | Sindku |
| 02. 3. 2 | 06 | TM: Pedestrian Crossings fi Triq il-Labour | **Il-Kunsill qabel li għandu jikseb iktar informazzjoni dwar il-proposta jew proposti għal pedestrian crossing fi Triq il-Labour.** | |
| 02. 3. 3 | 11 | Gaetano u Marisa Desira: Roundabout fi Triq Xrobb l-Għaġin | Il-Kunsill innota l-email tas-Sinjuri Desira filwaqt li l-Kunsillier Caruana talab sabiex tiġi rranġata biċċa triq bit-tarmak. Is-Sindku spjega li din diġa' bdiet tiġi rranġata. | |

**02. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 02. 4. 2 | | Tabella tal-Ħlasijiet 02/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 02/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |

02. 4. 2 i — Il-Kunsill approva tliet kontijiet ta' Jacs għas-servizz li taw fl-attivita' Żejt iż-Żejtun. Kont Nru 288 jammonta għal €982.50, kont nru 289 jammonta għal €860 ukont nru 290 jammonta għal €822.50. Dan kien servizz li ħareġ bl-offerta.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 02. 4. 2 | ii 12 | Minflok C.Planet jidħlu l-kliem 'Carabott Florist'. | | |
| 02. 4. 2 | iii 33-36 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ser jitlob breakdown mill-kuntrattur Philip Agius and Sons dwar is-servizzi li saru fit-toroq indikati fil-kontijiet. | | |
| 02. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 02/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**02. 5. Financial Statements 2013**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 5. 1 | | Il-financial statements tas-sena 2013 ġew spjegati fid-dettal mill-accountant tal-Kunsill fil-laqgħa pubblika li saret propju illum qabel din il-laqgħa. Fuq proposta tal-Kunsillier Chircop, sekondatata mill-Kunsilliera Agius, **il-Kunsill approva dan ir-rapport**. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport. | | |

**02. 6. Approvazzjoni - Tenders**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 6. 1 | | Tender 02/13: Resurfacing of residential roads | Is-Sindku spjega li Trejqet is-Sagħtar, Triq il-Palazzi u Triq A. Cachia Cachia ser isiru mill-Gvern Ċentrali u bħalissa jinsabu fil-proċess li jinħarġu t-tenders. Min-naħa tiegħu l-Kunsill qed jinsisti li ssir Triq Bir id-Deheb. | |
| 02. 6. 2 | | | Fuq il-medja tal-Kunsill ġew ppreżentati s-sottomissjonijiet tat-tender li ġew ukoll imqassma lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li preċedentement il-Kunsill ħadem l-uċuħ tat-toroq bi 80mm għoli ta' tarmak. Għaldaqstant, wara li evalwa t-tenders, **il-Kunsill qabel li jagħti l-offerta lill-kuntrattur J & J Schembri**. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex il-Perit tal-Kunsill jagħmel stima tat-toroq li l-Kunsill ser jagħżel li jsiru. | Sindku |
| 02. 6. 3 | | Tender 03/13: Small scale rural embellishment works | Is-Sindku spjega li ser isiru kolonni quddiem ir-razzett kif ukoll bankijiet tal-ġebel. Ser isir ukoll tikħil fuq il-ħajt tal-Knisja li qala' daqqa ta' karozza. Ser jiġi rranġat is-sejjieħ ta' quddiem il-Knisja kif ukoll isir xogħol ta' żonqor. **Wara li l-Kunsill evalwa t-tenders li ġew sottomessi, huwa qabel li jagħti dan il-kuntratt lil Silvar Constructions filwaqt li l-arbli tad-dawl ingħataw lil Nexos Lighting peress li l-prezz ikkowtat jinkludi LED u materjal tal-fondut.** | Sindku |

**02. 7. Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 02. 7. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kinux preżentati mozzjonijiet. | | |

**02. 8. Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | |
|---|---|---|---|
| 02. 8. 1 | Fenech: Reserved Parking fi Triq Anġlu Gatt | Il-Kunsilliera Fenech talbet lill-Kunsill jinvestiga jekk ir-reserved parking li sar fi Triq Anġlu Gatt sarx bil-permessi ta' l-awtoritajiet konċernati. | Viċi-Sindku |
| 02. 8. 2 | Fenech: Karozza Nru. 84 | Fenech staqsiet jekk il-karozza nru. 84 hux ser tibda tgħaddi minn Triq A. Cachia Zammit. Il-Kunsillier inkarigat spjega li skond ir-rotta l-ġdida rotta nru 84 ser tibda tgħaddi minn din it-triq. | Hales |
| 02. 8. 3 | Fenech: Proġetti taż-Żgħażagħ | Fenech infurmat lill-Kunsill li ħarġu proġetti dwar l-isport għ as-snin 2014 - 2020. Hija talbet sabiex niċċekkjaw mal-lokalitajiet ta' Celano u Tocina jekk humiex interessati jipparteċipaw. | Fenech |
| 02. 8. 4 | Chircop: Wirt iż-Żejtun - tifkira l-Aħħar Ħbit 1614 | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun mhux ser tagħmel il-lapida viċin il-Knisja ta' San Klement u għaldaqstant ser ikun il-Kunsill jagħmel din il-lapida. | Chircop |
| 02. 8. 5 | Caruana: Sleeping policeman fi Triq Lvant | Caruana ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-isleeping policeman fi Triq Lvant għadha ma twaħħlitx. | Sindku |
| 02. 8. 6 | Caruana: Mera tat-traffiku | **Il-Kunsill approva li ssir mera tat-traffiku fi Triq il-Qalb ta' Ġesu' għal Triq Santu Wistin.** | Hales |
| 02. 8. 7 | Agius: Bankina fi Triq Ħal Bibsut | Il-Kunsillier Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bankina li qed titkisser fi Triq Ħal Bisbut k/m Triq it-Tabib Cannataci. | |
| 02. 8. 8 | Agius: Bankina f'Misraħ Diċembru XIII | Il-Kunsilliera Agius talbet sabiex nitkellmu mal-Ministru responsabbli dwar il-bankina ta' Misraħ Diċembru XIII minħabba l-coaches. | Sindku |
| 02. 8. 9 | Agius: Proġett mas-Sedqa | Agius infurmat lill-Kunsill li nhar l-14 ta' April ser issir laqgħa ma' l-għaqdiet fil-komunita u l-pulizija bħala parti mill-proġett tas-Sedqa. | Agius |
| 02. 8. 10 | Viċi-Sindku: Kuntrattur Steve Borg | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur Steve Borg li offra siġar lill-Kunsill ma ġiex ikkuntattjat. | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Marzu, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku

Segretarju Eżekuttiv